MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Numru. 659/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Norman Vella**

Kaz Numru: 659/2011

Illum 14 ta’ Dicembru, 2011

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Norman Vella**, bin Anthony Vella, residenti fil-fond God Bless Australia, Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 15190(G), li gie akkuzat talli fl-14 ta’ Mejju 2010 u qabel din id-data naqas li javza

lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig bl-impjieg tieghu ma' G. Pisani Marketing Limited u kien jirregistra ghax-xoghol.

Rat id-dokumenti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Regolament 3(c) tal-Avviz Legali 110 tal-1993 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' mija u ghoxrin ewro (€120.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------